**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' Lulju 2021.**

**Rikors Nru. 1145/2018 GM**

**Fundazzjoni Wirt Artna**

**vs**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima;**

**Daniel Cordina fil-kapaċita` tiegħu ta' Kap tal-Malta Embellishing and Landscaping Project;**

**L-Awtorita` tal-Artijiet;**

**Malta Stock Exchange Plc;**

**Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u Proġetti Kapitali;**

**Ramon Deguara fl-kapiċita` tiegħu ta' Kap tal-Cleansing Services Directorate ;**

**Environment Landscapes Consortium Limited u b' digriet tas-26 ta' Ġunju 2019 ġiet imsejħa fil-kawża Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Environmental Consortium Limited li permezz tiegħu qiegħda titlob li tingħata permess tippreżenta s-segwenti risposta ġuramentata ulterjuri:

1. Is-soċjeta` esponenti teċepixxi illi hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet promossi mill-Fundazzjoni attriċi;

2 It-talbiet tal-Fundazzjoni attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-kwistjoni tal-perkolazzjoni u ingress tal-ilma kien fatt ġja eżistenti għall-għexieren ta' snin qabel mal-attriċi daħlet fil-fond u għalhekk kienet responsabbilta` tagħha li qabel xejn tieħu ħsieb dik il-kwistjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali li ma jopponix[1].

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tal-Artijiet illi :

Permezz ta' din ir-risposta l-esponenti qiegħda toġġezjona għat-talba tas-soċjeta' Environmental Landscapes Consortium Limited kif edotta fir-rikors tat-28 ta' April 2021;

L-eċċezzjoni tal-leġittimu kuntradittur hija waħda perentorja, madanakollu meta eċċezzjoni perentorja ma tkunx titratta l-mertu, din tkun meqjusa bħala eċċezzjoni dilatorja u ġurisprudenza nostrana

[1] Fol 932

tgħallimna kif dawn l-eċċezzjonjiet għandhom jitqajmu in limine litis.

*" Eċċezzjonijiet dilatorji jistgħu jingħataw biss in limine litis, waqt li eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża, anke waqt l-appell. Iżda eċċezzjonijiet li huma perentorji biss tal-ġudizzju u mhux tal-mertu jitqiesu bħala eċċezzjonijiet dilatorji, u għalhekk jistgħu jingħataw biss in limine litis."*

Meta eċċezzjoni simili ma titressaqx flimkien mar-risposta ġuramentata, jitqies li l-konvenut ikun irrinunzja għaliha. Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Fiorentino et vs David Jones et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru 2018, il-Qorti saħħqet is-segwenti:

*"17. Kif sewwa rilevat mill-Ewwel Qorti, bħala regola, kull eċċezzjoni, kemm jekk dilatorja u kif fil-mertu, kellha tingħata man-Nota tal-Eċċezzjonijiet jew mat-Tweġiba Maħlufa, skont il-każ. Din ir-regola ma tgħoddx fir-rigward ta' eċċezzjonijiiet li, bil-*liġi*, jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew dwar eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt is-smigħ tagħha. L-ebda eċċezzjoni oħra ma tista' titqajjem f'waqt ieħor tal-kawża jekk mhux bil-permess tal-Qorti u dan wara li tkun soddisfatta li ngħatawlha raġunijiet tajba għaliex dawk l-eċċezzjonijiet ma jkunux ingħataw fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet jew fit-Tweġiba.*

…

18. Filwaqt li l-artikolu 728(l) tal-Kapitolu 21 tal-Liġijiet ta' Malta jagħraf bejn eċċezzjonijiet dilatorji u dawk dwar il-mertu, huwa fl-artikolu 732 li jissemmew l-eċċezzjonijiet perentorji u kif u meta jistgħu jitqajmu jew jitqiesu rinunzjati. L-artikolu 730 isemmi lista

tassattiva ta' eċċezzjonijiet (uħud minnhom dilatorji u wħud minnhom perentorji) li dwarhom qorti trid tagħti sentenza b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu;

19. Illi b'eċċezzjoni dilatorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni li hija maħsuba li ttawwal jew tissospendi l-mixja 'l quddiem ta' kawża, filwaqt li b'eċċezzjoni perentorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni maħsuba li toqtol lazzjoni. Izda din id-distinzjoni mhijiex biżżejjed, għaliex huwa magħruf li eċċezzjoni tista' tkun dilatorja tal-mertu (f'liema każ issir perentorja tal-ġudizzju u toqtol il-proċediment billi l-parti mħarrka tinħeles milli tibqa' aktar fil-ġudizzju, bla ma toqtol il-jedd innifsu li l-azzjoni tista' terġa' titressaq mill-ġdid) jew dilatorja tal-ġudizzju (f'liema każ il-mixi ta' kawża jitwaqqaf sakemm ma jitneħħewx iċ-ċirkostanzi li jxekkluha milli tkompli tinstema', imma ma joqtlux l-istess kawża). Min-naħa l-oħra, eċċezzjoni tista' tkun perentorja tal-mertu (b'mod li jekk tintlaqa' toqtol l-azzjoni biċ-ċaħda tat-talbiet attriċi) jew perentorja tal-ġudizzju (b'mod li jekk tintlaqa' teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża);

20. It-tifsira li l-Qrati tagħna sa minn żmien ilu taw lill-kliem "eċċezzjonjiet dilatorji" li jinsabu fl-artikolu 728(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet għal dawk l-eċċezzjonijiet li jmisshom jitqajmu "in limine litis" u li ġeneralment jissejhu bhala 'eċċezzjonijiet preliminari'. Kif ingħad diġa', fost dawn l-eċċezzjonijiet preliminari hemm uħud li jikkwalifikaw bħala eċċezzjonijiet perentorji tal-ġudizzju u li xorta waħda huwa mistenni li jitqajmu fil-bidu tal-kawża u li jitqies li min ressaqhom ikun irrinunzja għalihom jekk kemm-il darba jħalli l-kawża timxi 'l quddiem bla ma jisħaq li tingħata sentenza dwarhom."

Skont kif qalet is-soċjeta' Environrnental Landscapes Consortium Limited, l-ingress tal-ilma kien diġa` eżistenti għall-għexieren ta' snin. jiġifieri dan ma huwiex xi fatt ġdid li s-soċjeta' ġiet a konjizzjoni tiegħu issa u kienet ġa konsapevoli b'dan il-punt mal-intavolar tar-risposta ġuramentata tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti qiegħda topponi għat-talba hekk kif edotta fir-rikors tat-28 ta' April 2021.

Rat ir-risposta tas-soċjeta` attriċi li wieġbet hekk:

1. Dwar l-eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-perkolazzjoni tal-ilma kienet ilha eżistenti għal għexieren ta' snin u għalhekk kienet ir-responsabbilita' tal-attriċi li tieħu hsieb din il-kwistjoni jiġi rilevat illi ma tissussisti assolutament l-ebda ġustifikazzjoni sabiex dan il-punt jitressaq permezz ta' eċċezjoni ulterjuri f'dan l-istadju avvanzat tal-proċeduri;

2. Is-soċjeta' intimata ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni għaliex dan il-punt ma kienx saħansitra ma setax ikun inkluż fir-risposta ġuramentata minnha ntavolata fil-bidu tal-proċedura odjerna;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, dan il-punt jinsab ittrattat fid-dettall fl-affidavit imressaq minn Mario Farrugia - fil-kapaċita' tiegħu bħala Chairman tal-Fondazzoni esponenti - illi spjega l-passi kollha meħuda fir-rigward mill-istess esponenti mill-ġurnata illi fiha hija kienet ġiet fdata bir-restorazzjoni u l-amministrazzjoni tal-binja mertu tal-kawża odjerna permezz tal-Guardianship Deed datat is-26 ta' Jannar 2009;

4. Minkejja l-isforz kollu magħmul da parti tal-esponenti u l-investiment illi hija wettqet fir-rigward - anke permezz ta' fondi ottjenuti mill-Unjoni Ewropea - sabiex il-bini storiku in kwistjoni jiġi restawrat (u dan inkluż għar-riżoluzzjoni tal-problema ta' perkolazzjoni tal-ilma entrambi l-istess), l-ingress tal-ilma baqa' jseħħ f'siti partikolari u huma l-intimati jew min minnhom illi għandhom ġustament jerfgħu r-responsabbilita' fir-rigward.

B. Leġittimu Kuntradittur

1. Is-soċjeta' intimata Environmental Landscapes Consortium Limited (C30405) ma offriet l-ebda spjegazzjoni in sostenn tal-asserzjoni minnha magħmula fis-sens illi 'fi kwalsiasi każ l-esponenti ma hijiex il-leġittimu kuntradittur;

2. Lanqas ma spjegat l-imsemmija soċjeta' għaliex - jekk ma tqisx lilha nnifisha bħala leġittimu kuntradittur fil-każ odjern - hija ssoġġettat ruħha għall-proċedura odjerna mingħajr ma qajmet dan il-punt ta' natura preliminari, b'dan illi huwa biss f'dan l-istadju [wara kważi tliet snin] illi qiegħda ssostni illi ma għandhiex tkun hi illi tirrispondi għat-talbiet attriċi;

3. llli mingħajr preġudizzju għas-suespost - filwaqt illi s-soċjeta' intimata ELC hiia responsabbli għall-manutenzjoni tal-*flower beds* sitwati fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq - skont ir-rapport redatt mill-Perit Marie Louise Caruana Galea hija saħansitra waħda mill-istess *flower beds* illi ġiet identifikata bħala sors potenzjali tal-ingress tal-ilma mertu tal-proċedura odjerna;

4. Fiċ-ċirkostanzi huwa għal kollox inkonċepibbli illi s-soċjeta' ELC ma titqiesx bħala leġittimu kuntradittur fl-azzjoni odjerna.

In vista tas-suespost għandu manifestament jirriżulta illi t-talba mressqa f'dan l-istadju mis-soċjeta' intimata Environmental Landscapes Consortium Limited (C30405) hija nġustifikata u ma jistħoqqx illi tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

Qabel tgħaddi li tqis speċifikament il-kweżit jekk is-soċjeta` konvenuta Environmental Consortium Limited għandhiex tingħata permess mill-Qorti biex tippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri, il-Qorti sejra tidentifika d-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw l-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet tul l-*iter* tal-kawża wara l-eċċezzjonijiet li jingħataw fir-risposta ġuramentata. Sejra wkoll tagħmel xi riflessjonijiet dwarhom; anke jekk uħud minnhom m'għandhomx x'jaqsmu direttament mal-inċident li trid tirriżolvi l-Qorti, u għalhekk ċerti kummenti sejrin ikunu *obiter*. Dan sabiex jiġu apprezzati aħjar il-problemi li jinqalgħu f'dan il-kamp, u tiġi identifikata t-triq li minnha wieħed irid jgħaddi sabiex jiġu riżolti, *de lege ferenda*. Dan għaliex, kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell tmintax-il sena ilu, "Il-provvedimenti migbura fis-Subtitolu I tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ċioe` dawk *Fuq l-eċċezzjonijiet in ġenerali* qed joħolqu ċerta disgwid mhux biss fil-kaz odjern izda wkoll f'proċedimenti oħra fejn tinħass il-ħtieġa li jitressqu eċċezzjonijiet ulterjuri"[2].

Id-dispożizzjonijiet rilevanti ewlenin tal-kodiċi ritwali rigward l-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet fil-proċess ġudizzjarju huma dawn:

[2] Sunspot Tours Limtied v C.H. Caterers Limited 16.12.2003 Qorti tal-Appell (S.T.O. Vincent Degaetano, Anton Depasquale, Albert J. Magri).

**158(11). Ir-risposta ġuramentata tista', wara li jinġiebu l-provi tal-attur u qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet, kemm b'żieda ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża.**

**728. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 731 fil-kawżi li jsiru b'rikors ġuramentat l-eċċezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu għandhom jingħataw fir-risposta ġuramentata skont il-każ. Dawk l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu għandhom jingħataw bla ħsara ta' dawn l-eċċezzjonijiet dilatorji.**

**(2) Ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża; b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta.**

**731. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 728 ma jgħoddux għal dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu b'dispożizzjoni espressa ta' dan il-Kodiċi jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti, jew għall-eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża.**

**732. (1) Bla ħsara dejjem tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell għalkemm ma jkunux ġew mogħtija fil-qorti tal-ewwel grad.**

Jidher mal-ewwel daqqa t'għajn li l-Artiklu 158(11) iġib fix-xejn l-Art. 728(1). Dan tal-aħħar huwa intiż sabiex l-eċċezzjonijiet jingħataw minnufih wara l-preżentata u notifika tal-rikors maħluf sabiex b'hekk l-attur ikun f'qagħda li jikkonduċi l-każ tiegħu anke fid-dawl tad-difiża għat-talbiet tiegħu. Bil-kuntrarju, tal-ewwel ipoġġi lill-konvenut f'qagħda li jista', wara li l-attur ikun ressaq il-provi tiegħu, li jnaqqas u/jew iżid l-eċċezzjonijiet tiegħu. Huwa u jagħmel hekk, jista' jkun f'qagħda li jċaqlaq il-lasti. Huwa evidenti li dan jista' jkun ta' preġudizzju għall-attur. Huwa wkoll konduċenti biex il-kawża titwal bla bżonn.

Biex wieħed jipprova jifhem din l-iskizofrenija leġislattiva jrid imur lura għall-oriġini ta' dawn iż-żewġ disposizzjonijiet.

Fil-kodiċi ritwali, ippromulgat fil-1854, kien hemm żewġ tipi ta' proċeduri, dawk solenni permezz ta' libell, u dawk informati permezz taċ-ċitazzjoni. Il-proċedura tal-libell kienet l-iktar waħda li tintuża; iċ-ċitazzjoni l-iktar li kienet tintuża' kien quddiem il-qorti inferjuri. Biż-żmien iżda l-avukati bdew jużaw iktar iċ-ċitazzjoni minflok il-libell. Dan tal-aħħar beda jnaqqas l-importanza prattika tiegħu sakemm ġie abolit għal kollox. Iċ-ċitazzjoni wkoll tneħħiet u minflokha ddaħħal ir-rikors ġuramentat.

Fil-verżjoni oriġinali tal-kodiċi ritwali, fil-proċedura tal-libell, il-konvenut kellu jippreżenta risposta fi ftit jiem wara li jiġi nnotifikat bil-libell, li fiha kellu jressaq dawk l-eċċezzjonijiet li jekk ma jitressqux qabel il-kontestazzjoni tal-kawża jitqiesu li ġew rinunzjati[3] kif ukoll l-eċċezzjonijiet fil-mertu.[4] Skont Art. 735, fir-risposta kellhom jingħataw l-eċċezzjonijiet dilatorji qabel dawk fil-mertu, li kellhom ukoll jingħataw fir-risposta bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet dilatorji[5]. Iżda l-Art. 735 ma kienx japplika għal dawk l-eċċezzjonijiet li l-kodiċi kien jippermetti espressament li jsir fi kwalunkwe stadju tal-kawża, jew dawk li jitwieldu waqt il-kawża[6]. L-eċċezzjonijiet perentorji setgħu isiru f'kull stadju tal-kawża, anke fis-sekond'istanza[7]. Jidher li fil-proċedura tal-libell ma setgħux jingħataw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk mhux dawk li jaqgħu f'xi waħda mill-każi eċċezzjonali msemmija.

[3] Art. 153(1) Ord. IV.1854
[4] Art. 153(3) Ord. IV.1854
[5] Art 735 para 2 Ord. IV.1854
[6] Art 738 Ord. IV.1854
[7] Art. 739 Ord. IV. 1854

Fil-proċedura b'ċitazzjoni, il-konvenut kien obbligat jidher fl-ewwel smigħ tal-kawża[8]. Ma setax jopponi t-talba b'atti bil-miktub u l-eċċezzjonijiet kollha (*tutte le eċċezioni*) kellhom jingħataw bil-fomm (*a voce*) waqt is-smigħ tal-kawża[9]. L-eċċezzjonijiet dilatorji kellhom jingħataw fil-bidu tad-difiża[10]. L-Onorabbli Qorti tal-Appell[11], fil-1942 ikkummentat hekk dwar il-pożizzjoni legali oriġinali skont il-kodiċi ta' proċedura: "Il-liġi tagħna qabel l-emendi li kienu saru bl-Ord. XV tal-1913, kienet tippermetti lill-konvenut li ma jkunx għamel ebda eċċezzjoni kontra t-talba tal-attur, li jisma' dik it-talba u l-provi li jġib l-attur, u mbagħad, meta l-attur jiddikjara li m'għandux provi iktar, li jifformola l-eċċezzjonijiet tiegħu".

Bl-emendi tal-1913, iċ-ċitazzjoni bdiet issir bil-miktub[12] u l-konvenut kellu jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet mhux iktar tard minn jumejn qabel is-smigħ tal-kawża[13], u wara l-għeluq tal-provi tal-attur, il-konvenut seta', **bil-permess tal-Qorti,** jemenda n-nota tal-eċċezzjonijiet[14]. Din id-disposizzjonijiet sarulha tibdiliet kosmetiċi fil-1934[15]. Iktar tard, l-Art. 179 ġie rienumerat bħala Art. 158. Fil-1979, fl-Art. 158(11) il-kliem "**Bil-permess tal-Qorti"** tneħħa iżda min-naħa l-oħra żdied il-kliem "**u qabel ma' l-konvenut iġib il-provi tiegħu".** Għalhekk it-tibdil fin-nota tal-eċċezzjonijiet wara l-għeluq tal-provi tal-attur sar bi dritt, u mhux suġġett

[8] Art. 179 Ord. IV.1854
[9] Art. 180 Ord. IV.1854
[10] "nell'esordire della difesa" Art. 735 para 1 Ord. IV.1854
[11] Carmela Aquilina v Carmelo Aquilina 06.02.1942 Qorti tal-Appell (Sir George Borg, E Ganado, L.A. Camilleri)
[12] Art. 174 Ord. Iv.1854
[13] Art. 178 para 4
[14] Art. 179, para 7 Ord.IV.1854 as amended up to 1914 by Ord. No. I of 1914 "**With the leave of the court**, the statement of pleadings may, after the statement of the facts of the case by the plaintiff and the production of his evidence, be amended by means of a separate statement withdrawing any of the pleas set up, or adding new pleas
[15] Bl-emendi tal-1934, l-aħħar paragrafu tal-Art. 179 ġie sostwit hekk:
"179(10): **By leave of the court**, the statement of pleadings may, after the production of the plaintiff's evidence, be amended by means of a separate statement withdrawing any of the pleas set up, or adding new pleas".
"**Bil-permess tal-Qorti**, in-nota tal-eċċezzjonijiet tista' wara li jinġiebu l-provi tal-attur, tissewwa b'mezz ta' nota għaliha jew billi jitreġġgħu lura waħda jew l-oħra mill-eċċezzjonijiet li jinġiebu jew billi jingħataw eċċezzjonijiet ġodda".

għad-diskrezzjoni u allura l-kontroll għaqli tal-Qorti, għalkemm ġie ristrett għal mument wieħed partikolari, u ċjoe` meta l-attur ikun għalaq il-provi tiegħu, iżda mhux ukoll wara li l-konvenut ikun beda l-provi tiegħu. U, kif ġja` ngħad, inħolqot dissonanza bejn ir-rekwiżit li l-eċċezzjonijiet jingħataw kemm jista' jkun viċin il-bidu tal-kawża u d-dritt li dawn jinbidlu wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu. Din l-anomalija nħolqot fil-1979; qabel kien hemm il-kontroll tal-Qorti u għalhekk kien hemm fakulta` (mhux dritt) li jitressqu noti tal-eċċezzjonijiet ulterjuri.

Dawn l-iżviluppi (mhux dejjem għall-aħjar) tajjeb li jittieħdu fid-dawl tal-kumplament tal-kummenti li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża suċċitata: "Il-leġislatur fl-1913 bl-Ordinanza fuq imsemmija kien emenda l-liġi fis-sens li, almenu jumejn qabel it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenut għandu jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu. Dana kien sar fuq suġġeriment tar-Royal Commission tan-1912, għaliex dawk il-Kummissjonarji, imdorrijin bil-metodu Ingliż fejn il-każ imur lest quddiem l-Imħallef, ma setgħux jifhmu kif tista' l-Qorti tiddirieġi tajjeb il-provi meta hija għadha ma tafx il-konvenut x'sejjer jeċċepixxi; barra minn dan, raw li dak il-metodu kien qiegħed iġib ħafna protilazzjonijiet".

Illum l-Art. 728 tal-Kap 12 jistabblixxi regola ġenerali li l-eċċezzjonijiet "kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu **għandhom jingħataw fir-risposta ġuramentata."** Din hija regola importanti ħafna għaliex għandha l-iskop li tnaqqas id-dewmien fil-kawżi bit-tqanqil ta' eċċezzjonijiet matul is-smigħ tal-kawża. Għal din ir-regola hemm eċċezzjoni waħda: meta l-Qorti ssirilha talba biex tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, u l-Qorti tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għala ma ngħatawx fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta. Sta għall-Qorti

jekk tilqax it-talba jew tiċħadha. Imma d-diskrezzjoni tal-Qorti hija ferm limitata, u rregolata minn kunsiderazzjoni waħda: jekk l-eċċezzjoni setgħetx titqanqal fil-bidu tad-difiża jew le.

It-talba biex jingħata l-permess biex issir l-eċċezzjoni ulterjuri trid issir b'rikors u għalhekk ma tistax tintalab verbalment.

Ir-regola ġenerali iżda fil-fatt m'hi ġenerali xejn, għaliex ma tapplikax għall-kategoriji kollha tal-eċċezzjonijiet, imma biss għall-eċċezzjonijiet dilatorji u dawk fil-mertu. Ma tgħoddx għal:

- l-**eċċezzjonijiet li jistgħu b'dispożizzjoni espressa tal-Kodiċi ritwali jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti**
- **l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu waqt il-kawża.**

Dawn it-tipi t'eċċezzjonijiet huma eżentati mid-dispożizzjonijet tal-Art. 728. Li jfisser li jistgħu jintqanqlu f'kull waqt tal-kawża mingħajr ma jintalab il-permess tal-Qorti. Hemm ċerta oskurita` u, possibilment kontradittorjeta` bejn il-parti tal-Art. 728 li tawtorizza lill-Qorti tagħti permess biex jitqajmu eċċezzjonijiet li ma setgħux jintqanqlu fil-bidu tad-difiża, u dik il-parti tal-Art. 731 li tawtorizza lil parti (mingħajr il-ħtieġa ta' permess mill-Qorti) li tqajjem eċċezzjonijiet li jkunu nqalgħu waqt il-kawża. Jekk eċċezzjoni ma setgħetx titqanqal fil-bidu tad-difiża, ma jfissirx tabilfors li tkun inqalgħet waqt il-kawża? U allura hemm ħtieġa li jintalab permess biex titressaq (skont Art. 728) jew m'hemmx għalfejn (skont Art. 731)?

L-eċċezzjonijiet perentorji huma wieħed mit-tipi ta' eċċezzjonijiet li, b'dispożizzjoni espressa tal-kodiċi ritwali (Art. 732(1)) isiru fi kwalunkwe stadju tal-kawża u saħansitra quddiem il-Qorti tal-Appell. Fost l-eċċezzjonijiet perentorji hemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li, ukoll abbażi tal-Art. 2112 tal-Kodiċi Ċivili "L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata

f' kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell". L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ikkummentat li "r-*ratio legis* għal dan il-provvediment mhux xi konċessjoni lill-konvenut, imma hija l-għarfien tar-realta` ġuridika illi jekk il-fatti kienu verament eventwalment jissufragaw l-eċċezzjoni ulterjuri li l-konvenut ikun talab li jagħti, dan f'kull każ ikun iwassal għaċ-ċahda tat-talba tal-attur fil-mertu kontra l-konvenut, billi din tinstab li ma tkunx tista' treġi fil-konfront tiegħu"[16]. Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, fiż-żminijiet tal-lum, din m'għadhiex raġuni qawwija biżżejjed biex ma tkunx ukoll regola almenu ġenerali li l-eċċezzjonijiet perentorji ma jingħatawx ukoll biss fil-bidu tal-kawża. Anke jekk dan ifisser li t-tħaffif tal-kawżi jieħu sopravvent fuq il-ġustizzja sostantiva. Jekk eċċezzjoni perentorja ma tkunx tqanqlet man-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali, għalkemm kienet teżisti f'dak il-mument, ifisser li l-konvenut ikun ħati ta' traskuraġni. Fiż-żminijiet tal-lum, iċ-ċelerita` fis-smigħ tal-kawżi huwa wieħed mill-*overriding objectives* tal-proċess ġudizzjarju u m'għandux ikun leġġerment injorat mil-leġislatur. Tant li skont il-Unidroit, id-difiża għandha tiġi kkristallizata fil-*pleading phase* u ċjoe` l-ewwel mit-tliet fażijiet tal-proċediment[17]. Il-prinċipju tal-ispeditezza bħala *overriding objective* insibuh fost l-oħrajn fis-*Civil Procedure Rules* tal-Ingilterra[18]; fis-*Supreme Court Civil Rules* ta' South Australia[19]; u fir-*Rules of Civil Procedure for the Ontario Superior Court of Justice and Court of Appeal*[20].

Id-disposizzjonijiet suesposti joħolqu diffikulta` oħra: id-distinzjoni fit-

[16] ("John Bonnici nomine -vs- Mark Anastasi et nomine", 21 ta' Mejju, 1997);
[17] ALI/Unidroit – Principle of Transnational Procedure, principle 9.1: a proceeding ordinarily should consist of three phases: the pleading phase, the interim phase, and the final phase. 9.2. In the pleading phase, the parties must present their claims, defences, and other contentions in writing, and identify their principal evidence. Fil-Comment għal principle 9, jingħad hekk, fost kummenti oħrajn: "P-9B An orderly schedule facilitates expeditious conduct of the litigation".
[18] Ara English Civil Justice after the Woolf and Jackson Reforms, A Critical Analysis, John Sorabji, 2014, page 108, 109
[19] (South Australia) Supreme Court Rules, r. 2.01
[20] (Ontario) Rules of Civil Procedure R.R.O. 1990, Reg 194.r. 1.04(1).

trattament bejn eċċezzjoni dilatorja u eċċezzjoni perentorja. Il-kodiċi ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' eċċezzjoni dilatorja jew eċċezzjoni perentorja. Fil-prattika, mhux dejjem faċli li wieħed jiddistingwi bejn waħda u oħra, u dan joħloq inċertezza u dewmien bla bżonn fis-smigħ tal-kawżi. Tant li d-dottrina u l-ġurisprudenza mhux biss jagħmlu distinzjoni bejn it-tnejn, imma wkoll jagħmlu ċerti distinzjonijiet fini ta' xeħta skolastika li jkomplu jżellġu d-distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji:

> "9. Illi b'eċċezzjoni dilatorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni li hija maħsuba li ttawwal jew tissospendi l-mixja 'l quddiem ta' kawża, filwaqt li b'eċċezzjoni perentorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni maħsuba li toqtol l-azzjoni. Iżda din id-distinzjoni mhijiex biżżejjed, għaliex huwa magħruf li eċċezzjoni tista' tkun dilatorja tal-mertu (f'liema każ issir perentorja tal-ġudizzju u toqtol il-proċediment billi l-parti mħarrka tinħeles milli tibqa' aktar fil-ġudizzju, bla ma toqtol il-jedd innifsu li l-azzjoni tista' terġa' titressaq mill-ġdid) jew dilatorja tal-ġudizzju (f'liema każ il-mixi ta' kawża jitwaqqaf sakemm ma jitneħħewx iċ-ċirkostanzi li jxekkluha milli tkompli tinstema', imma ma joqtlux l-istess kawża). Min-naħa l-oħra, eċċezzjoni tista' tkun perentorja tal-mertu (b'mod li jekk tintlaqa' toqtol l-azzjoni biċ-ċaħda tat-talbiet attriċi) jew perentorja tal-ġudizzju (b'mod li jekk tintlaqa' teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża);

> "20. Illi t-tifsira li l-Qrati tagħna sa minn żmien ilu taw lill-kliem "eċċezzjonjiet dilatorji" li jinsabu fl-artikolu 728(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet għal dawk l-eċċezzjonijiet li jmisshom jitqajmu "*in limine litis*" u li ġeneralment jissejħu bħala 'eċċezzjonijiet preliminari'. Kif ingħad diġa', fost dawn l-eċċezzjonijiet preliminari hemm uħud li jikkwalifikaw bħala eċċezzjonijiet perentorji tal-ġudizzju u li xorta waħda huwa mistenni li jitqajmu fil-bidu tal-kawża u li jitqies li min ressaqhom ikun irrinunzja għalihom jekk kemm-il darba jħalli l-kawża timxi 'l quddiem bla ma jisħaq li tingħata sentenza dwarhom. Madankollu, minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 732(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, din ir-regola ma żżommx milli xi eċċezzjonijiet 'preliminari' perentorji tal-ġudizzju jistgħu jitqanqlu wkoll fi stadju ta'

appell"[21].

Distinzjonijiet dawn li spiss ikunu diffiċli biex isiru fil-prattika u jkomplu jikkontribwixxu għad-dewmien fil-kawżi. B'mod iktar sempliċi, jista' jingħad li eċċezzjoni dilatorja hija dik li jkollha l-effett li twaqqaf il-kawża iżda ssalva l-mertu u għalhekk ma timpedix lill-attur milli jerġa' jipproponi l-azzjoni tiegħu. Per eżempju: l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni Eċċezzjoni perentorja mhux biss twaqqaf il-kawża imma toqtol il-mertu u għalhekk iżżomm lill-attur milli jagħmel kawża ġdida. Per eżempju: l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

F'din il-kawża, waħda mill-eċċezzjonijiet li trid tqanqal is-soċjeta` konvenuta hi li mhix il-leġittimu kontradittur. Il-Qorti tifhem li din l-eċċezzjoni qiegħdha ssir fis-sens li s-soċjeta` konvenuta m'għandhiex relazzjoni ġuridika mal-attur. "B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar"[22]. "L-eżami ta' din ir-relazzjoni ġuridika jikkomporta, allura, u *in primis* dak tal-aċċertament u tal-identifikazzjoni konkreta tas-soġġetti parteċipanti fih. Dan hu bil-wisq sintomatiku li jkun hekk ġjaladarba r-rapport proċesswali jippresupponi l-pre-eżistenza tar-rapport negozjali anteċedenti li fih il-kontraenti ħadu sehem"[23]. **L-eċċezzjoni *de quo* hija għalhekk waħda perentorja** in kwantu, jekk tintlaqa', ma tkunx tista' tinfetaħ kawża oħra kontra l-konvenut fuq l-istess talba. Fil-kawza **Chircop v Chircop**, li mis-sentenza tagħha l-aħħar kwotazzjoni hija misluta, it-talba tal-atturi kif artikolata fiċ-ċitazzjoni kienet waħda tendenti għall-hlas tal-penali għad-dewmien da parti tal-konvenut biex ineħħi kull oġġezzjoni għall-otteniment

[21] Paul Fiorentino v David Jones 05.10.2018 Qorti tal-Appell (STO Joseph Azzopardi, Onor. J.R. Micallef, Onor. Tonio Mallia

[22] Burmarrad Commercials Ltd -vs- Desmond Mizzi et, Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007).

[23] Kevin Chircop v Joseph Chircop 20.02.2009 Prim'Awla, coram Onor. Imħ. Philip Sciberras

tal-permess relattiv konness mal-attivita` ġestjonali bħala ħanut minn fond f'San Giljan. Kontra din it-talba, fost eċċezzjonijiet oħra, il-konvenut issolleva in illi ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi għax hu kkontratta ma' soċjeta` terza. Il-Qorti tagħtu permess jippreżenta l-eċċezzjoni ulterjuri u fis-sentenza finali laqgħatlu din l-eċċezzjoni. F'kawża iktar antika – **Dacoutros v Petrococchino**, il-Qorti tal-Appell ammettiet eċċezzjoni ulterjuri tal-illegittimita` tal-persuna li ma ġietx ippreżentata quddiem l-ewwel Qorti iżda ġiet imqanqla l-ewwel darba quddiemha, għaliex irriteniet li l-eċċezzjoni hija waħda perentorja.[24]

Tenut kont tal-liġi, ġurisprudenza, dottrina u kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti suesposti, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba biex tiġi miżjuda l-ewwel eċċezzjoni u ċjoe` li l-konvenuta mhix leġittimu kontradittur. Tabilħaqq din l-eċċezzjoni tista' ssir mingħajr ma jintalab permess mill-Qorti. Huwa minnu li, kif irrimarkat il-Fondazzjoni Wirt Artna, r-rikorrent ma jagħti l-ebda raġuni l-għala jsostni din l-eċċezzjoni. Dik imma hi affarih u kwistjoni ta' provi; iżda mhix raġuni biex il-Qorti ma tammettix li tiddaħħal bħala eċċezzjoni (kemm jekk hi valida kif ukoll jekk mhix).

It-tieni talba – biex titressaq eċċezzjoni dwar il-perkolazzjoni tal-ilma sa minn żmien żemżem - qiegħdha ssir wara l-għeluq tal-provi tal-atturi waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2021 anke jekk b'riżerva għall-preżentata ta' iktar dokumenti kif fil-fatt sar. Il-kawża ġiet differita għat-22 ta' Marzu 2021; iżda s-seduta ma sartix minħabba l-miżuri tal-Covid 19. Inżammet seduta fis-6 ta' Mejju 2021, fiha ma tressqu l-ebda provi. Imbagħad fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021 ġiet diskussa t-talba dwar l-ammissjoni tal-eċċezzjonijiet ulterjuri. Għalhekk jidher li l-konvenuti għadhom ma bdewx iressqu l-provi tagħhom. Għalhekk is-sitwazzjoni tinkwadra ruħha fit-termini tal-Art.

[24] Giovanni Dacoutros v Eustratius Petrococchino 03.02.1950, Qorti tal-Appell (Sir George Borg, L.A. Camilleri, W. Harding) XXXIV.i.321 li tiċċita ġurisprudenza anterjuri.

158(11) tal-kodiċi ta' proċedura ċivili u anke hawn m'hemmx bżonn permess tal-Qorti.

Għal dawn il-motivi, sempliċiment għal kull bwon fini – għax lanqas hemm bżonn - il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors tat-28 ta' April 2021 ta' Environmental Landscapes Consortium Limited.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA